MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1438/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-20 ta' Ottubru 1989 fil-Katidral ta' l-Imdina kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok "A".

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, u cjoe' Samuel li twieled fis-26 ta' Marzu 1990 skond l-anness certifikat tat-

twelid markat Dok "B" u Alexander li twieled fis-7 ta' Gunju 1991 skond l-anness certifikat tat-twelid markat Dok "C".

Illi l-kontendenti huma separati legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr. A Fleri-Soler datat 22 ta' Settembru 1994.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens ta' l-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikoli 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attur fis-6 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti pprefiggietlu terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-

procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-7 ta' Frar 2003 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* li l-eccipjenti ma taqbilx li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null.

2. Illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati mill-attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 15 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur datata 17 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta' Lino Spiteri, ta' Karen Bugeja u ta' missieru Saviour *sive* Sunny Borg.

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici bi tletin gurnata ohra. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' erbghin (40) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa tliet seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attur tal-24 t'April 2003 fejn ipprezenta l-affidavits ta' John u Michelle Bonnici.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-13 ta' Gunju 2003 fejn talbet estensjoni tat-terminu ghall-prezentata tax-xhieda taghha stante li zewg xhieda taghha ser ikunu msiefrin, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tas-17 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbali tal-25 ta' Gunju 2003; tal-11 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-ahhar affidavits tal-konvenuta bi tletin gurnata ohra u

ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jiffissa seduta ohra ghall-kontro-ezamijiet relattivi.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-20 ta’ Novembru 2003 fejn ipprezentat l-affidavit taghha stess u iehor ta’ missierha Dr. Rene Frendo Randon.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Jannar 2004; tas-17 ta’ Marzu 2004; u tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenuta ddikjarat li d-depozizzjoni ta’ l-att taz-zwieg tal-1995 rigward is-sospensjoni tal-Proceduri Civili ma japplikawx ghall-kaz odjern peress li z-zwieg bejn il-partijiet gie celebrat qabel l-1995. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ordnat lill-konvenuta biex tirregola l-pozizzjoni taghha, fis-sens li tinfurmaha jekk hijiex konsistenti ma’ dak li qed tissottometti quddiem it-Tribunal Ekklessjastiku.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz x-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255**. L-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Kanone 1098 tal-Kodici ta’ Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja’ ezistenti fl-1981, cjoe’ qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha

okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dana bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta' xi wiehed jew aktar mill-elemnti essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta fformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti illum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**Kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano*** **(Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992)**:-

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimoni aliquod elementum e ad essentialem aliquam propprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio,*

*non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (***Bejan*** 29 ta' Lulju 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (***Abbo*** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru 1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista' jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta' April 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage".* (***Rogers*** 11 ta' Novembru 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi min-naha l-ohra fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fit-totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifhmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punti iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu <u>rizultat</u> ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'il fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi l-artikolu **19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk ikun *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (***Bersini F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita*

*discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "…….. se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (**Pompedda MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Ottubru 1989 meta l-attur kellu wiehed u ghoxrin sena u l-konvenuta kellha ghoxrin. Jidher li l-partijiet damu jghixu flimkien inqas minn hames snin peress li sat-22 ta' Settembru 1994 huma kienu gja' sseparaw legalment, minkejja l-fatt li kellhom zewg ulied.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-partijiet bdew johorgu flimkien meta l-attur kellu dsatax-il sena filwaqt li l-konvenuta kellha tmintax, izda waqfu ghaliex l-konvenuta siefret ghall-tlett

xhur. Meta rritornat Malta regghu ltaqghu kazwalment, izda f'dak iz-zmien omm l-attur kienet mardet serjament u mietet. Hawn bdiet relazzjoni bejniethom u l-konvenuta siefret mal-familja ta' l-attur Londra, u meta gew lura Malta baqghu jiltaqghu regolarment. Fir-relazzjoni ta' bejniethom kellhom x'jaqsmu ntimament flimkien tant li l-istess konvenuta harget tqila. Il-konvenut jghid li huwa nhasad b'din is-sitwazzjoni, tant li qatt qabel din l-ahbar ma kkunsidra li jizzewweg. Madankollu meta sema' hekk, hass li ma kellhomx alternattiva hlief li jizzewgu, liema decizjoni kienet anke nkoraggita minn missier l-attur. Jidher li l-attur kellu aktar minn dubju wiehed fuq il-konvenuta specjalment, tant li jallega li l-istess konvenuta kienet tiehu d-droga, u jsostni li hija qatt ma kienet interessata li taddatta ruhha ghall-bzonnijiet tad-dar. Fil-fatt hekk gara, forsi anke bhala rizultat tat-trobbija taghha. Skond l-attur il-konvenuta baqghet tghix ta' xebba, halja fl-attitudini taghha, tohrog mal-hbieb, bit-tfal dejjem f'idejn in-*nanny*. Din il-haga spiss kienet sors ta' nkwiet bejn il-koppja, izda minkejja dan huma kellhom tarbija ohra. Hawn il-konvenuta ghaddiet minn mument difficli, fejn skond l-attur, il-konvenuta kellha tiehu kura psikjatrika, u marret ghal ftit tghix waheda, f'liema perjodu t-tfal baqghu jghixu ma' l-attur. Meta giet lura, nzerta li kien l-istess zmien meta marad missier l-attur. Hawn il-piz tan-negozju waqa' fuq l-attur. Fic-cirkostanzi, l-attur hass li ma felahx aktar jghix mal-konvenuta u abbanduna d-dar matrimonjali, bil-konsegwenza li l-partijiet isseparaw.

Illi l-konvenuta tghid li ltaqghet ma' attur fl-1998, harget ftit mieghu, izda ma kellhiex intenzjonijiet serji anke peress li kienet ser issiefer fl-Ewropa. Hekk fil-fatt gara, izda meta rritornat regghu ltaqghu u bdew johorgu flimkien. Hija tghid li din id-darba bdew ikellmu 'l xulxin bis-serjeta' ghaliex *"I had grown quite fond of him".* Kellha tmur tistudja l-Amerika, izda baqghu in kuntatt telefonikament, u meta mardet omm l-attur, lilha kien informaha. Mal-mewt t'ommu l-attur kellu jmur l-Ingilterra, u wara ddeskriviet kif bdew jiltaqghu anke mal-familji. Kellha tmur tistudja f'Universita' fl-Amerika u kellha xahar x'tahseb x'ser taghmel ghaliex tghid li kienet saret thobb lill-attur u rrealizzat li forsi kellha taghzel jekk tkomplix

tistudja jew inkella tizzewweg lill-attur. Sadanitant inqabdet tqila. Hija tghid li ommha xejn ma haditha bi kbira ghaliex hija Amerikana u liberali. Issosnti li l-attur offra li jizzewwigha, peress li skond hija kien qalilha *“he had already decided that he wanted to marry me”.* Tghid li spjegatlu li ma kellux jizzewwigha bilfors ghaliex il-familja taghha kienet tifhem ic-cirkostanzi, izda l-atturi nsista li jizzewgu. Hekk il-konvenuta accettat li tizzewweg lill-attur u rrealizzat li kellha tmur l-Universita’ Malta u mhux barra. Tghid li kienu ferhanin hafna, izda wara li l-attur beda jdum hafna x-xoghol, hija nhakmet minn dipressjoni wara t-twelid tat-tieni tifel u kellha thalli d-dar ghas-sahha taghha ghaliex kienu bdew jiggieldu spiss. Wara dan l-episodju, marad ukoll missier l-attur, u l-problemi bejniethom issoktaw jikkomplikaw sakemm l-attur iddecieda li jitlaq jghix ghal rasu. Hawn il-konvenuta ssostni li din id-decizjoni ttiehdet anke ghaliex kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Hija tghid li anke wara li sseparaw legalment xorta kellhom relazzjonijiet flimkien, sakemm l-attur beda relazzjoni ma’ mara ohra.

Illi meta wiehed jara din ix-xhieda, kif ukoll ix-xhieda ta’ diversi persuni li ressqu l-istess partijiet sabiex jalimentaw il-verzjonijiet taghhom – inkluzi x-xhieda ta’ Lino Spiteri, habib ta’ missier l-attur u l-attur, oht l-attur Karen Bugeja, missieru Sunny Borg, John Bonnici u Michelle Bonnici, hbieb u familjari ta’ l-attur, kollha xhieda ta’ l-attur, u Dr. Rene’ Frendo Randon, missier il-konvenuta u B, u Kristian Loche, bhala xhieda tal-konvenuta – din il-Qorti thoss li gie ampjament ppruvat li l-partijiet kienu dahlu ghal dan iz-zwieg ta’ malajr ghas-semplici raguni li l-konvenuta nqabdet tqila.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi kollha prodotti li qabel ma l-istess konvenuta nqabdet tqila, il-partijiet lanqas biss kienu ghadhom qatt tkellmu fuq zwieg. Mhux hekk biss, izda l-konvenuta kienet qed tevalwa liema Universita’ fl-Amerika kienet ser tattendi, liema xewqa stqarritha ma habibitha. Fil-fatt kien biss minhabba din l-istess tqala li hija ma marritx l-Amerika, u wara zmien kompliet l-istudji terzjarji taghha f’Malta. Dan kollu jindika li l-konsiderazzjoni taz-zwieg qatt ma kienet biss issemmiet

hlief ovvjament meta l-partijiet kienu nfaccjati bit-tqala tal-konvenuta.

Illi fil-fatt qabel din it-tqala mhux pjanata – *stante* li l-konvenuta stess kienet tammetti li kienet tiehu pilloli kontracettivi sabiex ovvjament ma’ tikkoncepix – il-partijiet kellhom mohhom f’affarijiet ohra dwar x’kienu ser jaghmlu fil-futur. Min-naha ta’ l-attur dan kien ghadu qed jipprova jaccetta l-mewt ta’ ommu, u ghalih kien certament zmien difficli hafna, li fih sab certament wens fl-attenzjoni li kienet qed taghtih l-istess konvenuta. Ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuta kienet attratta lejn l-attur, forsi b’simpatija akbar minhabba c-cirkostanzi li sab ruhu fihom. Fl-istess waqt, kif gja’ nghad kienet herqana qed thares lejn l-istudji taghha. Veru li hija tghid li f’xi mument kienet indunat li kienet qed issir thobb lill-attur u allura hasbet li fil-futur kellha taghzel bejn li tmur l-Universita’ l-Amerika jew tizzewweg lill-attur, izda fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, dak li qalet fl-affidavit taghha ma huwiex kredibbli, u ntqal minnha biss sabiex tipprova tipperswadi bil-verzjoni taghha.

Illi dan qed jinghad peress li huwa inverosimili li gara dan peress li f’dak il-mument l-konvenuta ma kellhiex hlief il-hsieb li taghzel liema Univerista’ fl-Amerika kienet ser tattendi. Ma hemm l-ebdu dubju li din kienet xewqa kbira taghha tant li l-habiba taghha stess **Kristian Loche** ikkonfermat dan meta qalet li:-

*“She had laways planned to attend University in the US. When she met A and the relationship was getting more serious she did not talk to me about university, but I knew it was always at the back of her mind”.*

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti li wiehed jikkonsidra dak li espremew l-genituri tal-konvenuta meta gew rrinfaccati b’din is-sitwazzjoni meta minflok huma kienu qed jistennewha tattendi l-Univerita’ fl-Amerika. Hawn missier il-konvenuta jghid li kien dizappuntat u ma riedx li l-partijiet jghaddu ghaz-zwieg kif ippjanaw ta’ malajr appena gew edotti mit-tqala tal-konvenuta. Missier il-konvenuta sostna li l-partijiet kienu decizi li jizzewgu. Mill-banda l-ohra omm

il-konvenuta li giet deskritta bhala liberali, accettat is-sitwazzjoni u ma sabet l-ebda oggezzjoni jekk il-partijiet jizzewgux jew le.

Illi din il-Qorti thoss li tali xhieda hekk proposta ma hijiex kredibbli, *stante* li tali xhieda hija kontradetta bl-aktar mod car mix-xhieda ta' l-attur u mix-xhieda tal-persuni minnu prodotti, li kollha ndikaw li l-istess attur kien ixxokkja ruhu bl-ahbar li l-konvenuta kienet harget tqila mir-relazzjoni taghha mieghu.  Ma kien hemm l-ebda dubju li qabel din l-ahbar hadd mill-familjari ma kkonsidra li l-partijiet kienu waslu biex jizzewgu – u dan proprju ghaliex f'ghajnejhom kienu jaraw u jqisu lill-partijeit bhala guvni u tfalja zghar hafna li kellhom relazzjoni u xejn izjed minn hekk.  Il-hsieb taz-zwieg ma kien jidher imkien, u dan huwa naturali, meta l-partijiet kienu ghadhom zghar, kellhom futur u pjanijiet differenti quddiemhom, u anke meta tqis li l-attur kien ghadu hiereg minn trawma tal-mewt ta' ommu.

Illi fil-fatt dak li biddel kollox u ddetermina z-zwieg tal-partijiet fid-data u hin li sar kienet biss it-tqala tal-konvenuta, u l-ghaggla li kien hemm kienet intiza sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg.  Sa certu punt jista' jinghad li l-attur hass sens ta' dover u responsabbilta' ghal dak li ghamel, aktar meta wiehed iqis l-istat vulnerabbli tieghu mal-mewt ta' ommu, fejn il-konvenuta kienet f'dan il-perjodu ta' wens kbir ghalih.  Barra minn hekk gie anke pperswadit minn missieru, li bla ebda xenati zejda, ndikalu li kellu xelta wahda responsabbli x'jiehu, u din kienet li jizzewweg.  Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-attur ghazel li jizzewweg lill-konvenuta ghaliex huwa kien harigha tqila, liema decizjoni qatt ma seta' kellu ghazla libera biex jasal ghaliha. Is-sens ta' responsabbilia' u htija ma setghu qatt ihallu, f'dak il-mument tal-hajja tieghu ghazla ohra hlief li jizzewweg lill-konvenuta, hekk malajr, kif fil-fatt sar.

Illi x-xhieda kollha prodotti mill-attur jindikaw li f'dan il-perjodu l-attur deher li kien ovvjament traxxinat bic-cirkostanzi, u fil-fatt il-preparamenti kollha thallew f'idejn l-genituri tal-partijiet, partikolarment omm il-konvenuta. Dan huwa ovvju ghaliex fl-aktar perjodu kritiku ta' hajtu l-attur, allura immattur u vulnerabbli sab ruhu li kellu

jirrimedja ghall-att tieghu li kellu konsegwenzi fuq persuna li fl-ahharnett huwa kien migbud lejha. Fil-fatt kien f'din l-atmosfera li ha d-decizjoni tieghu – decizjoni li kif graw l-affarijiet ma kienitx frott ta' ghazla libera, izda certament sforzata.

Illi dan sar mill-attur minkejja li meta rrinfaccjat bis-"soluzzjoni" taz-zwieg huwa beda jikkonsidra d-dubji tieghu dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta. Dan il-livell gdid ta' inter-azzjoni li qatt qabel ma kien ikkonsidra – fil-fatt minkejja li kellu dubji fuq il-karattru tal-konvenuta, anke ghaliex jidher li kienet tesperimenta fit-tehid ta' sustanzi ta' droga u/jew haxxixa, u tratti ohra tal-karattru ta' l-istess, huwa xorta wahda ghazel li jizzewweg lill-konvenuta – bniedma li in verita' ftit kien verament jaf. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** *stante* li l-attur kellu f'dak il-mument nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-hajja mizzewga u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, qatt ma seta' jifhem il-konsewgenzi ta' dak li attwalment izda apparentament biss ta l-kunsens tieghu ghalih.

Illi dan il-Qorti thoss li japplika wkoll ghall-konvenuta li kienet kostretta li taccetta li tizzewweg lill-attur proprju minhabba t-tqala taghha, u wkoll ghaliex f'dak il-mument meta emozzjonalment kienet sa certu punt hadet hsieb l-attur wara t-telf t'ommu, ma kienx verament possibbli ghaliha, bhala bniedma vera liberali izda sensittiva, li tiddeciedi mod iehor, minkejja li l-pjani taghha kienu ghal kollox differenti. Fil-fatt mix-xhieda prodotta din il-Qorti thoss li l-konvenuta qatt ma kkonsidrat iz-zwieg ma' l-attur hlief wara t-tqala. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll hekk vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi fil-fatt l-istess partijiet thabtu sew sabiex ighixu flimkien, u l-konvenuta tammetti li kellha tirrikorri ghall diversi *"kuri"* sabiex tkun tista' tkompli fil-hajja taghha ma' l-attur, tali kuri certament mhux kollha konsiljabbli, anzi kontra l-ligi. Fil-fatt wara anqas minn hames snin l-istess relazzjoni bejn il-partijiet kien diga' sfaxxat u l-konvenuta stess ma

kenitx tiflah ghaliha u uzat anka terapija sabiex proprju ttaffi t-tbatija taghha ghall-istess sitwazzjoni u ambjent li l-partijiet halqu ghalihom, ambjent li jikkonferma kemm huma qatt ma kienu realment ippreparati ghall-hajja mizzewga ma’ xulxin, u li zvela n-nuqqas ta’ ppjanar u mpenn ghall-hajja mizzewga. Fil-fatt kollox jindika li hadd mill-partijiet ma kellu jew kien jikkoncepi f’dak il-mument ta’ zwieg l-element ta’ *consortium vitae* proprju minhabba l-immaturita’ gravi ta’ l-istess partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------